MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 323/2011

**Alsons Limited**
**C-5257**

**vs**

**Galea Carmen**
**ID-301058-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi ordnata li thallas l-ammont bilancjali dovut ta’ hames mija disgha u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€589.53c) inkluz VAT rapprezentanti *household goods* li l-konvenuta stess hadet personalment oltre l-ispejjez ta’ l-ittra legali tat-8 ta’ Marzu, 2011 u bl-imghax legali effettiv mid-data tal-*invoice 5679* sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez. Il-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ hames mija disgha u tmenin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€589.53c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------